

**Rikors ippreżentat fit-25 ta' Ġunju 2012 — S.I.C.O.M. vs  
Il-Kummissjoni**

(Kawża T-279/12)

(2012/C 243/56)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: S.I.C.O.M. Srl — Società industriale per il confezionamento degli olii meridionale (Cercola, l-Italja) (rappresentant: R. Manzi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha:

- tiddikjara li S.I.C.O.M. Srl, li hija suġġetta għal proċedura li twassal għal stralċ, hija kreditri tal-Kummissjoni f'ammont ta' EUR 24 338,10 minbarra l-interessi u r-rivalutazzjoni li għandhom jiġu kkalkolati skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2519/1997, jew inkella f'ammont differenti li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha tillkwida u, konsegwentment, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-ammont hekk likwidati;
- konsegwentement, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-ispejjeż, tad-drittjet u tal-onorarji, minbarra l-VAT, iċ-CPA u r-imbors fil-forma ta' somma f'daqqa bir-rata ta' 12,5 %.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti f'din il-kawża, li rebbet l-offerta Nru 35, deċiża fil-kuntest tal-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 664/2001, tat-2 ta' April 2001, dwar il-provvista ta' żejt veġetalib bħala għajnuna fil-forma ta' ikel (ĠU L 93, p. 3), li għandha bħala s-suġġett tagħha l-provvista ta' 500 tunnellata ta' żejt raffinat tal-kolza, fil-forma ta' laned ta' 5 litri, liema merkanzija kellha tkun ikkunsinnata bl-spejjeż tal-ġarr imħallsa (free-at-destination) fil-maħżen Tombo PAM Warehouse fil-Ginevva, sas-17/06/2001, topponi l-fatt li l-Kummissjoni għamlet tnaqqis mill-ħlas, billi applikat penali għal kunsinna tardiva tal-merkanzija u penali oħra għal nuqqas ta' kunsinna tal-merkanzija.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

- (1) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-penali għal nuqqas ta' kunsinna tal-merkanzija, hija tindika li, fir-realtà, il-merkanzija effettivament ikkunsinnata kienet tekwiali għal 498,819 tunnellata, jiġifieri 1,435 tunnellata inqas minn kemm kien previst fis-sejħa għal offerti. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti tinvoka l-limitu ta' tolleranza ta' 1 % previst mill-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2519/97, tas-16 ta' Diċembru 1997, li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-mobilizzjoni ta' prodotti li għandhom jiġu provdu skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96

bħala ghajjnuna Komunitarja tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 11, Vol. 27, p. 34). Fir-rigward tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, ir-rikorrenti tippreċiżha li, f'dan il-każ, huwa stabilit li l-merkanzija effettivament ikkunsinnata lill-benefiċċjarju kienet tekwiali għal 498,819 tunnellata, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' aċċettazzjoni tal-kunsinna u, għaldaqstant, hija ma tistax tinżamm respon-sabbi għal kwalunkwe avveniment succcessiv li wassal għal tnaqqis eventwali fil-merkanizija.

- (2) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-penali għall-kunsinna tardiva tal-merkanzija, ir-rikorrenti tinvoka l-applikazzjoni tal-ġustifikazzjoni tal-każ ta' forza magħġuri minħabba d-dewmien subit mill-bastiment użat fl-operazzjoni fil-port tal-iż-żebek ta' Napoli u, konsegwentement, il-proroga ta' 30 jum prevista mill-Artikolu 14(15) tar-Regolament Nru 2519/97, iċċitat iktar il fuq. Dwar dan il-punt ir-rikorrenti tinvoka wkoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 22(4) u l-Artikolu 25 tal-istess regolament.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2012 — FIS'D vs  
Il-Kummissjoni**

(Kawża T-283/12)

(2012/C 243/57)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: FIS'D — Formazione integrata superiore del design (Catanzaro, l-Italja) (rappresentanti: S. Baratti u A. Sodano, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa' t-talbiet mressqa għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u/jew għal miżuri istruttorji;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż

**Motivi u argumenti prinċipali**

Is-suġġett ta' dan ir-rikors huwa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-12 ta' April 2012, Ref. Ares(2012)446225, li tiċċad l-azzjoni amministrattiva mressqa mir-rikorrenti, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003, tad-19 ta' Diċembru 2002, kontra d-deċiżjoni tal-Agencija Eżekutiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviż u l-Kultura, tat-13 ta' Jannar 2011, "Termination of the Framework Partnership Agreement 2011-0181, Erasmus Mundus Masters Course in City Regeneration", li temmet qabel żmienu il-Ftehim Qafas ta' sħubija 2011-0181, konkluż fil-kuntest tal-programm Erasmus Mundus 2009-2013.